

22001D0118(08)

L 15/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.1.2001

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 133/1999****tal-5 ta' Novembru 1999****li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet Veterinarji u Fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għaliex bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 76/1999 tal-25 ta' Ġunju 1999 (¹).
- (2) D-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/128/KE tat-28 ta' Jannar 1999 li tirrevoka d-Deċiżjoni 98/339/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tad-deni klassiku tal-majjali fi Spanja (²), għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.
- (3) D-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/246/KE tat-30 ta' Marzu 1999 li tapprova ċerti pjaniżiet ta' kontinġenza għall-kontroll tad-deni klassiku tal-majjali (³) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.
- (4) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-Islanda u għal-Liechtenstein,

IDDECIJEDA KIF ĠEJ:

**Artikolu 1**

It-test tal-punt 10 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/339/KE) fil-Parti 3.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"10. **399 D 0128:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/128/KE tat-28 ta' Jannar 1999 li tirrevoka d-Deċiżjoni 98/339/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tad-deni klassiku tal-majjali fi Spanja, (ĠU L 41, tas-16.2.1999, p.12)."

**Artikolu 2**

Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 8 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/39/KE) taħt l-intestatura "Atti li l-Istati EFTA u l-Awtorită tas-Sorveljanza ta' l-EFTA għandhom jagħtu l-attenzjoni dovuta għalihom" fil-Parti 3 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"9. **399 D 0246:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/246/KE tat-30 ta' Marzu 1999 li tapprova ċerti pjaniżiet ta' kontinġenza għall-kontroll tad-deni klassiku tal-majjali (ĠU L 93, tat-8.4.1999, p. 24)."

(¹) ĠU L 296, tat-23.11.2000, p. 1.

(²) ĠU L 41, tas-16.2.1999, p. 12.

(³) ĠU L 93, tat-8.4.1999, p. 24.

*Artikolu 3*

It-testi tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 1999/128/KE u 1999/246/KE fil-lingwa Norveġiża, li huma annessi għall-verżjoni tal-lingwa Norveġiża għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħħ nhar is-6 ta' Novembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fil-5 ta' Novembru 1999.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

N. v. LIECHTENSTEIN

---